MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1188/1981/1

**Carmelo MAGRO**

**vs**

**Salvatore CARUANA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-11 ta’ Novembru, 1981, li bih l-attur ippremetta:

Illi huwa kien ta kuntratt ta’ appalt lill-konvenut biex iħott id-dar u l-ħitan ta’ appoġġ kif ukoll id-dar skond kuntratt 4 ta’ Diċembru, 1976, esebit fil-kawża fl-ismijiet inversi, ċitazzjoni numru 1394/77HH;

Illi l-konvenut wara li waqqa’ d-dar irrifjuta li jwaqqa’ l-ħajt ta’ l-appoġġ u li jagħmel xogħol ieħor kif kien kuntrattat li jagħmel u dana nonostante li x-xogħol li kellu jsir kien

wieħed li normalment jaqa' taħt is-sengħa u l-arti tax-xogħol rikjest;

Illi l-attur intima lill-konvenut biex ikompli x-xogħol kif miftiehem u jekk jonqos kien sejjer iqqabbad il-ħaddieħor ikompli x-xogħol a spejjeż tiegħu kif eventwalment kellu jagħmel;

Illi bħala riżultat ta' dan l-attur nefaq Lm1609 aktar milli kien miftiehem mal-konvenut biex jitlesta l-istess xogħol;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandux il-konvenut jiġi kkundannat minn dan il-Qorti iħallas lill-attur in linea ta' danni jew taħt forma oħra ta' kumpens is-somma fuq imsemmija ta' Lm1609 oltre l-imgħax legali;

Bl-ispejjeż komprizi dawk ta' l-ittri uffiċjali u bl-ingunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur;

Rat in-Nota mressqa fit-23 ta' Novembru, 1981, li biha l-imħarrek eċċepixxa:

1. Il-preskrizzjoni ta' sentejn dwar ħlas ta' danni;

2. Illi mingħajr pregudizzju għall-premess, u fil-meritu l-eċċipjent ma għandu jagħti xejn lill-attur kif jallega huwa għaliex l-eċċipjent ma kkaġuna ebda danni lill-attur;

3. Salva kull eċċezzjoni oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) li bih ħatret bħala Perit Legali lill-Avukat Joseph Cassar, wara li b'Degriet mogħti fit-22 ta' April, 1982, fl-atti tal-kawża fl-ismijiet maqluba iddikjarat li ż-żewġ kawżi jiġu trattati flimkien;

Rat id-Degrieti tad-19 ta' Jannar, 1984[1], u tas-27 ta' Ġunju, 1985[2], li bihom il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-24 ta' Marzu, 1986[3], li bih u fuq talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tal-1 t'Awissu, 1985, waqfet milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza u reġgħet ħatret lill-imsemmi Perit Legali biex jirrelata dwar il-pretensjoni tal-attur riferibilment għall-entita' tad-danni allegatament minnu sofferti;

Rat id-Degriet tat-3 ta' Frar, 1987, li bih neħħiet mill-ħatra lill-Perit Legali Dottor Cassar u ħatret minfloku lill-mibki Dottor Rudolph Saliba;

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet imressqa mill-imħarrek fid-19 ta' Ottubru, 1987[4], dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla minnu;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet[5] imressqa mill-attur bi tweġiba għal dik tal-imħarrek dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat id-Degriet tat-28 ta' Novembru, 1988[6], li bih ħatret lil Dottor John Cassar bħala Perit Legali minflok Dottor Saliba;

Rat id-Degriet tas-7 ta' Marzu, 1990[7], li bih u fuq talba tal-Perit Legali Dottor Cassar, ħassret il-ħatra tal-Perit Legali u ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' April, 1992[8], fejn il-kawża għal darb'oħra tħalliet għas-sentenza, bil-fakulta' li l-partijiet iressqu Noti ta' Osservazzjonijiet;

---

[1] Paġ. 19 tal-proċess
[2] Paġ. 25 tal-proċess
[3] Paġ. 30 tal-proċess
[4] Paġ. 34 tal-proċess
[5] Paġ. 35 tal-proċess
[6] Paġ. 40 tal-proċess
[7] Paġ. 46 tal-proċess
[8] Paġ. 78 tal-proċess

Rat in-Nota ta’ Osservazzjonijiet imressqa mill-imħarrek fit-22 ta’ Mejju, 1992[9];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fit-2 ta’ Lulju, 1992[10], bi tweġiba għal dik tal-imħarrek;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-20 ta’ Lulju, 1992[11], fuq talba mill-ġdid tal-attur f’rikors tiegħu tat-12 ta’ Ġunju, 1992, li bih wara li waqfet milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza, semgħet il-kjarifika tal-avukat tal-attur u reġgħet ħalliet il-kawża għas-sentenza;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-2 t’Ottubru, 1992[12], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, waqfet milli tgħaddi għall-qari tas-sentenza u ħatret lill-Arkitett Frederick Doublet bħala Perit Tekniku;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-Perit Tekniku Frederick Doublet fit-18 ta’ Settembru, 1995[13], u minnu maħlufa waqt is-smigħ tal-20 ta’ Novembru, 1995;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek fit-28 ta’ Novembru, 1995, li biha talab il-ħatra ta’ periti addizzjonali;

Rat id-Degriet tal-24 ta’ Jannar, 1996, li bih il-Qorti ħatret lill-arkitetti u inġiniera ċivili Rene’ Buttiġieġ, David paċe u Michael Angelo Refalo bħala periti addizzjonali, bi spejjeż tal-imħarrek;

Rat illi l-Periti Addizzjonali ressqu r-Relazzjoni tagħhom f’Ġunju tal-2001;

Rat li l-kawża tħalliet għal għadd ta’ drabi għall-ħlas tar-rapport tal-periti addizzjonali, iżda l-imħarrek naqas li jwettaq il-ħlas tad-drittijiet taxxati;

Rat id-degriet tagħha (kif presjeduta) tal-5 ta’ Frar, 2003[14], li bih ordnat li kienet sejra tgħaddi ‘l quddiem bis-smigħ

[9] Paġġ. 79 sa 80 tal-proċess
[10] Paġġ. 84-5 tal-proċess
[11] Paġ. 88 tal-proċess
[12] Paġġ. 90-1 tal-proċess
[13] Paġġ. 108 sa 158 tal-proċess
[14] Paġ. 206 tal-proċess

tal-kawża għall-finijiet tal-artikolu 670(b) tal-Kap 12 mingħajr ma tieħu qies tal-konklużjonijiet milħuqa fl-imsemmija Relazzjoni tal-periti addizzjonali;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-attur fil-11 ta' Ġunju, 2003[15];

Rat id-Degriet tagħha tal-5 ta' Frar, 2004, li bih il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' danni minħabba nuqqas ta' twettiq ta' appalt miftiehem mal-imħarrek. L-attur qabbad lill-imħarrek biex iħott bini qadim magħdud miegħu ħajt ta' appoġġ, u jerġa' jibni l-post mill-ġdid, imma l-imħarrek ma temmx l-appalt. L-attur qabbad lil ħaddieħor biex itemm ix-xogħol u ta' dan ħallas iżjed milli kien ftiehem mal-imħarrek. L-attur qiegħed jitlob kumpens għall-ħlas żejjed li daħal għalih minħabba f'hekk;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal li l-azzjoni tal-attur waqgħet billi għadda ż-żmien ta' sentejn minn mindu setgħet titressaq, u billi, fil-mertu, ma kellu jħallas xejn lill-attur għaliex m'għamel xejn li bih sata' jikkaġuna danni lill-attur;

Illi qabel xejn irid jingħad li din il-kawża kienet għal żmien qegħda tinstama' flimkien ma' kawża oħra bejn l-istess partijiet iżda f'ismijiet maqluba, li nqatgħet minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fit-2 ta' Ottubru tal-1992[16];

Illi jirriżulta wkoll mill-kliem tad-degriet tat-2 t'Ottubru, 1992, li fis-6 ta' Mejju tal-1991, l-imħarrek ma baqax jinsisti fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi għalhekk, il-Qorti ma jifdlilhiex ħlief li tqis l-azzjoni attriċi fil-mertu;

[15] Paġġ. 209 sa 210 tal-proċess
[16] Ċitazz. Nru. 1394/77AJM fil-kawża fl-ismijiet "***Salvatore Caruana vs Carmelo Magro***"

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attur kien qabbad lill-imħarrek biex iwaqqa' u jibni mill-ġdid post li kien jinsab fi Triq il-Kbira, Qrendi[17]. Kien sar ftehim bil-miktub dwar dan f'Diċembru tal-1976. Kien hemm żewġ ftehim: l-ewwel wieħed li sar fl-4 ta' Diċembru, 1976[18] u kien juri x-xogħol li kellu jsir u l-prezzijiet miftehma, u t-tieni wieħed li sar jumejn wara[19] u li fih kien hemm dikjarazzjoni dwar twaqqigħ ta' soqfa u ħitan ta' ġnejna u ħatt ta' ħitan ta' appoġġ u l-prezz globali tal-imsemmi xogħol. Minkejja li x-xogħol inbeda, ma ntemmx. Inqalgħu diffikultajiet mal-ġirien, meta l-imħarrek ġie biex iwaqqa' l-ħitan tal-appoġġ. Dawn id-diffikultajiet kienu marbuta mal-ħsara li l-bini ta' biswit kien hemm il-biżgħa li jġarrab bit-tneħħija tal-ħitan il-qodma. L-imħarrek kien tħallas akkont. L-imħarrek ma kompliex ix-xogħol sat-tmiem. L-attur kien qabbad lil ħaddieħor – ċertu Mikiel Pisani – biex temm ix-xogħol. L-attur nefaq mal-elf u sitt mitt lira biex temm ix-xogħol. Fil-11 ta' Novembru, 1981, infetħet il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt rilevanti dwar il-każ jirrigwardaw il-konsiderazzjoni tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt tal-appalt u l-kwestjoni ta' d-danni pretiżi mill-attur. Dan il-punt irid jiġi determinat qabel kollox għaliex, fis-sentenza mogħtija fil-kawża bejn l-istess partijiet fl-1992, il-kwestjoni tar-raġuni li għaliha l-imħarrek (attur f'dik il-kawża) ma temmx l-appalt ma ġietx investita: għall-kuntrarju, f'dik is-sentenza ngħad espressament li "kwalunkwe pretensjoni ta' parti jew ta' oħra minħabba l-abbandun jew it-terminazzjoni tal-appalt ukoll mhux mertu ta' din il-kawża u se mai tifforma mertu tal-kawża fl-ismijiet inversi, ċitazzjoni numru 1188/81" (jiġifieri din il-kawża);

Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[20]. Meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma

[17] Dok "B", f'paġ. 52 tal-proċess
[18] Dok "A", f'paġ.10 tal-atti tal-kawża 1394/77AJM
[19] Dok "B", f'paġ. 11 tal-atti tal-kawża 1394/77AJM
[20] Art. 1125 tal-Kap 16

ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[21]. Jekk, fir-rabta tal-obbligazzjoni, jkun ingħata żmien għat-twettiq tagħha, id-debitur li jħalli ż-żmien jgħaddi jitqiegħed *in mora* u jibdew jgħaddu mgħaxijiet kontrih favur il-kreditur. Iżda fejn ma jkunx ingħata żmien għall-obbligazzjoni jew fejn, minkejja li jkun ingħata żmien, id-debitur imut qabel ma jgħaddi dak iż-żmien, id-debitur jew il-werrieta tiegħu jitqegħdu *in mora* biss wara li jiġu msejħin b'att ġudizzjarju[22];

Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas[23]. Ġie wkoll stabilit li, f'każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, il-kreditur tal-obbligazzjoni jista' jagħżel jew li jitlob li l-obbligazzjoni titwettaq, ukoll kontra r-rieda tad-debitur, jew inkella li jitlob li jitħallas għad-danni li jkun ġarrab minħabba n-nuqqas ta' twettiq[24];

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[25]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[26]. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[27];

Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf

[21] Art. 1127 tal-Kap 16
[22] Art. 1130 tal-Kap 16
[23] P.A. MCC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et*** (mhix pubblikata)
[24] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXIV.ii.578**)
[25] Art. 1132(1) tal-Kap 16
[26] Art. 1133 tal-Kap 16
[27] Art.1134 tal-Kap 16

imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef[28], sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni[29]. Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni[30];

Illi mill-konklużjonijiet milħuqa mill-Perit Tekniku maħtur f'din il-kawża, jirriżulta li n-nuqqas tal-imħarrek milli jtemm il-ħatra mogħtija lilu mill-attur kien wieħed li jrid iwieġeb għalih l-imħarrek innifsu. L-osservazzjoni tal-istess Perit dwar il-klawsola tad-dikjarazzjoni li saret fl-4 ta' Diċembru, 1976[31], u ċirkostanzi oħrajn marbutin magħha jitfgħu fuq l-imħarrek piż qawwi ta' responsabbilta' għan-nuqqas ta' twettiq, piż li ma jidhirx li seħħlu (kif kien dmir tiegħu) juri li kien riżultat ta' aċċident jew xi ħaġa barranija lil hinn mir-rieda tiegħu. Fi kwalunkwe każ, il-konklużjoni tal-Perit Tekniku (li magħha taqbel din il-Qorti) hija li l-imħarrek ma kellux raġuni tajba biex jieqaf milli jwettaq ir-rabta kuntrattwali tiegħu;

Illi għal dak li jirrigwarda mbagħad id-danni mġarrbin mill-attur, minħabba li kellu jtemm ix-xogħol billi jqabbad lil ħaddieħor, irriżulta wkoll x'kien l-ammont li l-attur ħallas lil Mikiel Pisani u x'kien ix-xogħol li dan Pisani wettaq tassew. Irid jiġi ċċarat li Pisani issokta x-xogħol ta' twaqqigħ li l-imħarrek ma temmx, imma mbagħad kompla wkoll bit-titligħ mill-ġdid tal-post, li l-imħarrek qatt ma kien għadu beda;

Illi f'dan ir-rigward, il-Perit Tekniku b'ħila kbira u b'mod imfisser tassew tajjeb qies kull aspett rilevanti tal-ħsara mġarrba mill-attur. Qies kemm kien jiswa x-xogħol lill-attur kieku l-imħarrek ma waqafx; qies x'nefaq l-attur meta qabbad lil ħaddieħor biex iwettaq dak li l-imħarrek ma temmx; u, fuq kollox, qies jekk dak li nefaq l-attur kienx mistħoqq. Mill-istħarriġ tiegħu ta' dawn it-tliet fatturi,

[28] Art. 1135 tal-Kap 16
[29] Art. 1137 tal-Kap 16
[30] Art. 1136 tal-Kap 16
[31] Ara Par. 16.15, 16.16 u 16.17 tar-Relazzjoni, f'paġġ. 147-8 tal-proċess

il-perit Tekniku wasal għall-fehma li d-danni mġarrbin mill-attur jammontaw għal elf u erbgħa u erbgħin lira Maltin u disgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm 1044.59);

Illi fit-tfassila tar-Rapport tiegħu, il-Perit Tekniku żamm 'il bogħod – kif sewwa kellu jagħmel – milli jidħol fi kwestjonijiet li jmorru lil hinn mill-ħatra u l-ħila tiegħu teknika. Għalhekk jista' jitqies li huwa wasal għal din il-fehma wara li ħa qies b'reqqa kbira tal-kostatazzjonijiet tekniċi u fattwali li ħarġu mill-provi, bi tqabbil sistematiku tal-konteġġi maħruġin kemm mill-perit arkitett inkarigat mill-appalt;

Illi r-raġunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqu għaliex, għalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux[32]. Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha[33], madankollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli[34];

Illi, fuq kollox, għajr għat-tentattiv tal-imħarrek li jikkontesta s-sejbiet tal-ewwel perit tekniku bit-talba tiegħu għall-ħatra ta' periti addizzjonali – episodju li tawwal il-kawża għalxejn b'xejn anqas minn tmien (8) snin oħra ! – ma tressqet l-ebda raġuni tajba għaliex il-Qorti għandha titbiegħed mill-konklużjonijiet milħuqa mill-espert minnha maħtur;

---

[32] App. Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Benjamin Camilleri vs Carmel Debattista et***
[33] Art. 681 tal-Kap 12
[34] App. Ċiv. **23.6.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja et vs Muscat et*** (Kollez. Vol: **LI.i.389**)

Illi jibqa' li jissemma punt dwar l-imgħaxijiet dekorribbli. Huwa minnu li l-attur talab il-ħlas ta' somma speċifika bħala danni minnu pretiżi. Iżda huwa minnu wkoll li l-perit tekniku ma wasalx biex jillikwida s-somma kollha mitluba mill-attur. Ladarba t-talba kienet għal-likwidazzjoni "in linea ta' danni jew taħt forma oħra ta' kumpens", wieħed jista' jgħid li, skond il-prinċipji ordinarji, l-imgħaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tal-likwidazzjoni tal-istess kumpens;

Illi, madankollu, hija l-fehma wkoll ta' din il-Qorti li r-regola hawn fuq imsemmija m'hijiex waħda assoluta. Dan jingħad għaliex, fejn is-somma pretiża, għalkemm mhix likwida, hija determinabbli, m'huwiex rakkomandabbli li l-imgħax jibda jgħaddi biss minn dak inhar tal-likwidazzjoni formali tal-ammont b'sentenza. Minbarra dan, ingħad li fejn l-ammont pretiż bħala dannu jkun imsemmi fl-att ġudizzjarju li bih titressaq l-azzjoni (jew f'att ġudizzjarju preċedenti għalih), l-imgħax fuq l-ammont talvolta likwidat għandu jibda jgħaddi minn dak inhar li l-imsemmi att jitwassal lill-parti intimata, ukoll jekk fl-aħħar mill-aħħar, l-ammont attwalment likwidat mill-Qorti jkun anqas minn dak mitlub oriġinarjament[35];

Illi jirriżulta mill-atti li l-imħarrek laqa' l-Att taċ-Ċitazzjoni fit-18 ta' Novembru tal-1981. Għalkemm tissemma ittra uffiċjali, la ngħatat id-data tagħha u lanqas meta ġiet notifikata lill-imħarrek;

Illi, mbagħad, hemm ċirkostanza oħra partikolari f'dan il-każ li jistħoqqilha tissemma, u din hija d-dewmien għal xejn fil-likwidazzjoni tal-ammont dovut lill-attur minħabba l-imġiba tal-imħarrek. Ingħad, sewwa u b'ħaqq, li l-prinċipju *in illiquidis mora non contrahitur nisi culpa delitoris liquidatio differetur* hija daqstant ieħor imwieżna bil-massima *malitiis non est indulgendum*.[36] Fil-każ preżenti, il-Qorti ma tistax ma tqisx li l-ammont ta' dannu mġarrab mill-attur ġie likwidat mill-Perit Tekniku fl-1995. F'parti l-kbira minn dan iż-żmien kollu, l-kawża kienet imwaħħla fuq l-eżerċizzju tal-istħarriġ min-naħa tal-periti addizzjonali, li, meta mbagħad temmew il-ħatra tagħhom

---

[35] App. Inf. **17.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Fogg Insurance Agencies Ltd. Noe vs Paul Tabone***
[36] Ara P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Simon Spiteri et vs Lawrence Farruġia***

u ressqu r-rapport, l-imħarrek naqas għal kollox li jħallas id-dritt taxxat kif kien obbligat jagħmel. Ta' dan l-aġir l-imħarrek ma jistħoqqlu l-ebda indulġenza;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu minn dak inhar li jirriżulta li l-imħarrek laqa' għandu l-Att taċ-Ċitazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek** billi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u d-dritt;

**Tilqa' t-talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrek jaħti għall-ħsara mġarrba mill-attur minħabba li ma temmx l-appalt mogħti lilu u liema danni qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' elf u erbgħa u erbgħin lira Maltija u disgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm 1044.59);

**Tikkundanna lill-imħarrek** iħallas is-somma hekk likwidata ta' Lm 1044.59 lill-attur bħala danni mġarrba; u

**Tikkundanna lill-imħarrek** iħallas ukoll l-ispejjeż kollha tal-kawża, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq is-somma fuq likwidata b'effett mit-18 ta' Novembru, 1981, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------